# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta` Mejju, 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 316/90GCD**

**Nathalie mart Frank Ciappara f`isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* ta` binha minuri Leonardo**

**vs**

**Frank Ciappara**

**Il-Qorti;**

Rat is-sentenza ta` l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili tad-19 t`Ottubru 2001 li tghid hekk:

"F`din il-kawza l-attrici qeghda tfittex il-firda minn zewgha.

Ic-citazzjoni tghid illi l-partijiet kienu izzewgu fit-23 ta` Settembru 1977u kellhom tifel li jismu Leonardo. Iz-zwieg, izda, tkisser ghax il-konvenut kien hati ta` eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kontra l-attrici. Ghalhekk l-attrici wara li kisbet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond`Awla tal-Qorti Civili, moghtija bid-digriet 108/1990, biex tipprocedi ghall-firda minn zewgha, fethet din il-kawza u qieghda titlob illi l-Qorti:

1. tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imsemmija fuq, jew dawk minnhom li jirrizultaw;

2. tafda l-kura u l-kustodja ta` l-iben minuri tal-partijiet lill-attrici;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici, ghaliha u gahl binhom, retta alimentari xierqa;

4. tiddikjara mahlula l-komunjoni ta` l-akkwisti bejn il-partijiet, u wara li ssir il-likwidazzjoni, tassenja lill-partijiet sehem indaqs kull wiehed u wahda;

5. tikkundanna lill-konvenut irodd lill-attrici l-beni parafernali taghha;

6. timponi fuq il-konvenut id-dekadenzi preskritti mil-ligi, jew uhud minnhom, jekk ikun il-kaz.

Talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji.

Il-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet:

1. hu ma jahti ghal ebda wahda mill-ghemejjel attribwiti lilu mill-attrici;

2. jekk l-attrici trid il-firda, dan sehh biss ghal ragunijiet li holqot hi wahedha; u

3. il-konvenut ma ghandu jiddekadi minn ebda jedd li jmiss lilu skond il-ligi u ma ghandu jaqa` taht ebda sanzjoni.

B`digriet tal-15 ta` Gunju 1990 il-Qorti hatret lill-Avukat Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta` l-attrici wara li jqis l-eccezzjonijiet tal-konvenut; (fol. 13) b`digriet iehor tal-10 ta` Novembru 1995 (fol. 182 et seq) inhatar ukoll l-Arkitett Rene` Buttigieg bhala perit tekniku. Il-perit tekniku halef ir-rapport tieghu fit-13 ta` Marzu 1997 (fol 195 et seq) u l-perit legali halef ir-rapport tieghu (fol 243) fis-7 ta` Novembru 2000.(fol 241) Wara li nghatat lill-partijiet fakolta` li jaghmlu nota ta` osservazzjonijiet, il-kawza giet differita ghal lum ghas-sentenza. (fol 245 et seq).

Wara li qieset ix-xiehda l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li r-ragunijiet ghala tfarrak iz-zwieg kienu (a) nuqqas ta` hajja intima bejn il-partijiet, (b) vjolenza w ingurji tal-konvenut kontra l-attrici, u (c) ghax il-konvenut kien izomm lil martu nieqsa mill-flus.

Hlief ghall-kwistjoni tal-flus – fejn il-konvenut forsi ma kienx jahti ghal kollox ghax kien ghadda minn diffikultajiet finanzjarji ghalkemm il-qorti ma temminx li kienu daqshekk serji daqskemm xehed il-konvenut – ir-ragunijiet l-ohra li wasslu ghat-tfarrik taz-zwieg kienu htija tal-konvenut. Jidher li n-nuqqas ta` initimatjiet kien ghax il-konvenut malajr tilef l-interess f`martu wara z-zwieg ghalkemm din baqghet turih li kienet thobbu; il-vjolenza, li hija l-aktar htija gravi tal-konvenut, ma kienet qatt

gustifikata. Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni tal-perit illi l-htija ghala tfarrak iz-zwieg kienet tal-konvenut.

Dwar l-effetti patrimonjali tal-firda, il-Qorti taqbel ma` whud mill-osservazzjonijiet maghmula mill-attrici fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, (fol 248 et seq) u ma taqbilx ghal kollox ma`whud mill-konkluzjonijiet tal-perit legali.

Il-perit legali, fil-para. 98 tar-rapport tieghu, qal illi, ladarba l-konvenuta ilha ghaxar snin toqghod fid-dar li ipprovdielha missierha, mela 'l-problema ta` akkommodazzjoni li r-ragel irid jipprovdi ghal martu jew, alternattivament, il-htiega li jipprovdilha mezzi adegwati biex din issib fejn toqghod, ma tezistix.' Wara li qies ukoll dan il-fattur, il-perit legali wasal ghall-konkluzjoni illi jkun xieraq li l-konvenut ihallas lil martu manteniment ta` mitt lira (Lm100) fix-xahar.

L-attrici kkritikat dawn il-kokluzjonijiet u l-Qorti taqbel maghha li l-fatt li missier l-attrici sabilha post iehor fejn toqghod ma jfissirx illi dan ghamlu biex jaghti beneficcju lill-konvenut u biex jehilsu mill-obbligazzjonijiet tieghu.

Barra minn hekk, il-Qorti taqbel ukoll ma` l-attrici meta din qalet li d-dhul tal-konvenut x`aktarx huwa aktar milli jidher. Dan jidher mill-fatt li l-konvenut, meta naqsulu, ghad hadithom l-attrici, flus li hu qal li kienu mhux tieghu izda ta` Edward Caruana, li mieghu kien impjegat, xorta rnexxielu jrodd tlitt elef lira (Lm3,000) lil Caruana fi tlett snin, (ara x-xhieda ta` Edward Caruana fis-seduta tat-3 ta` Dicembru 1993 quddiem il-perit legali, p. lxxxxv tat-typescript tax-xhieda) *i.e.* seta` iwarrab bejn wiehed u iehor elf lira (Lm1,000) fis-sena. Dan ma kienx possibbli jekk il-konvenut dak iz-zmien kellu biss dhul ta` mitejn u erbghin lira (Lm240) fix-xahar li minnhom kien jaghti mija u ghoxrin lira (Lm120) lill-attrici u jhallas ukoll ghall-iskola tat-tifel. (ara x-xhieda tal-konvenut fis-seduta tad-19 t`Ottubru 1994 1993 quddiem il-perit legali, p. cxiv tat-typescript tax-xhieda) Bilfors ghalhekk li l-konvenut kellu xi dhul mohbi.

Wara li qieset dawn il-fatturi, u wkoll illi l-attrici ghandha s-setgha li tahdem u li jkollha dhul taghha wkoll, il-qorti hija tal-fehma illi jkun aktar xieraq manteniment ta` mitejn u hamsin lira (Lm250) fix-xahar, li jizdied kull sena fl-istess proporzjon taz-zjieda fil-paga minima nazzjonali.

L-attrici ikkritikat ukoll dik il-parti tar-relazzjoni tal-perit li titratta dwar krediti ta` l-attrici kontra l-assi parafernali tal-konvenut, u krediti tal-komunjoni kontra l-assi parafernali tal-konvenut.

Il-Qorti taqbel kemm mal-perit legali kif ukoll ma` l-attrici illi l-flus tal-komunjoni u dawk parafernali ta` l-attrici li ntefqu biex inxrat id-dat u biex saru benefikati fid-dar parafernali tal-konvenut ghandhom jitqiesu krediti tal-komunjoni u ta` l-attrici rispettivament kontra l-konvenut. L-

ispejjez fuq benefikati gew stmati mill-perit tekniku fis-somma ta` hamest elef mija u ghoxrin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm5,126.33c). Il-perit legali kien tal-fehma li dan huwa kreditu tal-komunjoni kontra l-assi parafernali tal-konvenut, ghax huma flus tal-komunjoni li sevew biex ziedu l-valur tal-beni parafernali tal-konvenut; sehem l-attrici ghalhekk huwa n-nofs. L-attrici ma taqbilx ma` dan ghax tidher li qieghda tippretendi li l-komunjoni hija kreditrici mhux tas-somma minfuqa fuq il-benefikati izda taz-zjieda fil-valur tal-fond ghax il-benfikati ghandhom jitqiesu li huma tal-komunjoni.

Il-Qorti ma taqbilx ma` dan l-argument ta` l-attrici, ghax il-benefikati jibqghu dejjem accessorji tal-fond, u, billi *accessorium sequitur principale*, isiru proprjeta` tas-sid tal-fond. Ghalhekk ma huwiex tal-komunjoni izda parafernali tal-konvenut. F`dan il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet maghmula mill-konvenut fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu.

Madankollu, il-Qorti tosserva li s-somma ta` hamest elef mija u sitta u ghoxrin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm5,126.33c) ma hargitx kollha mill-komunjoni, ghax intefqu wkoll flus parafernali ta` l-attrici. Il-Qorti ghalhekk, ukoll wara li rat il-kalkoli maghmula mill-attrici fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha dwar flus parafernali taghha, hija tal-fehma illi s-somma kollha ta` hamest elef mija u sitta u ghoxrin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm5,126.33c) ghandha titqies kreditu ta` l-attrici kontra l-konvenut kemm bhala sehemha mill-kreditu tal-komunjoni kif ukoll bhala kreditu parafernali, b`zjieda mas-somma ta` hames mitt lira (Lm500) mahruga mill-attrici bhala parti mill-prezz ta` l-akkwist.

L-attrici talbet ukoll, fis-sitt talba taghha, illi l-Qorti timponi fuq il-konvenut il-penalitajiet li tahseb ghalihom il-ligi fl-art. 48 u 51 tal-Kodici Civili. Barra mid-dekadenza mid-drittijiet ta` successjoni, hija relevanti ghall-kawza tallum dispozizzjoni tal-para. (c) ta` l-art. 48 li tghid illi l-parti hatja titlef il-jedd ghal sehem minn dawk l-akkwisti li jkunu saru l-aktar mill-parti l-ohra. Peress illi l-htijiet tal-konvenut huma dawk imsemmija fl-art.40 tal-Kodici, u mhux fl-art. 38 u 41, id-dekadenzi kontra l-konvenut huma mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Il-Qorti tifhem illi, ghalkemm l-attrici ma kellhiex impjieg u dhul regolari, ix-xoghol taghha fid-dar kien kontribut siewi ghall-komunjoni ta` l-akkwisti, u ghalhekk ghandu valur. Meta tqis ukoll illi l-konvenut sejjer jieju l-beneficcju ta` l-awment fil-valur tad-dar fejn joqoghdu l-partijiet, u li dan l-awment huwa, ghall-inqas *in parte*, dovut ghax-xoghol u l-bzulija ta` l-attrici, il-Qorti hija tal-fehma li jkun xieraq, fir-cirkostanzi, li d-dekadenzi msemmija fl-art. 48 tal-Kodici Civili jsehhu, f`bicca, kontra l-konvenut. Fic-cirkostanzi ma hux possibbli li s-sehem ta` l-attrici ghall-akkwisti matul iz-zmien wara li z-zwieg tfarrak bi htija tal-konvenut ikun kalkolat matematikament; ghalhekk qieghed jigi likwidat *arbitrio boni viri* fis-somma ta` elfejn lira (Lm2,000). Ghalhekk sehem il-konvenut mill-

komunjoni ghandu jitnaqqas b`elf lira (Lm1,000) li ghandhom jizdiedu mas-sehem ta` l-attrici.

Hlief ghall-krediti msemmija fuq, il-Qorti taqbel mal-likwidazzjonijiet ta` l-assi parafernali tal-partijiet u tal-komunjoni ta` l-akkwisti maghmula mill-perit. Taqbel mar-rakkomandazzjoni maghmula mill-perit legali fil-para. 118 tar-relazzjoni teighu dwar il-beni mobbli tal-komunjoni, u, fic-cirkostanzi, u fid-dawl tad-dispozizzjonijiet l-ohra ta` din is-sentenza, ma jidhrilhiex li ma ghandiex toqghod fuq dik ir-rakkomandazzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` il-kawza, u tiddisponi mit-talbiet ta` l-attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenut, billi:

1. tilqa` l-ewwel talba u tghid illi z-zwieg tal-partijiet tkisser bi htija tal-konvenut, minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kontra l-attrici;

2. ma tqisx aktar it-tieni talba billi iben il-partijiet ma ghadux minorenni;

3. tipprovdi dwar it-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta` mitejn u hamsin lira (Lm250) kull xahar ghall-manteniment ta` l-attrici; il-hlas ghandu jsir permezz ta` *cheque* pagabbli fl-ewwel jum ta` kull xahar bil-quddiem u ghandu jizdied kull sena fl-istess proporzjon taz-zjidiet fil-paga minima nazzjonali;

4. tipprovdi dwar ir-raba` talba billi tiddikjara mahlula l-komunjoni ta` l-akkwisti u tordna illi kull wahda mill-partijiet izzomm, bhala sehem taghha mill-komunjoni, dawk il-hwejjeg imsemmija fil-para. 114C, D u E tar-relazzjoni tal-perit legali li dik il-parti ghandha f`idejha, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atrici s-somom ta` hamest elef mija u sitta u ghoxrin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm5,126.33c) u hames mitt lira (Lm500) msemmija fuq, b`kollox hamest elef sitt mija u ghoxrin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm5,626.33c);

5. tipprovdi dwar il-hames talba billi tikkundanna lill-konvenut irodd lill-attrici l-hwejjef imsemmija fil-para. 114A tar-relazzjoni tal-perit legali li qeghdin f`idejh, b`dan illi l-attrici ghandha trodd lill-konvenut il-hwejjeg imsemmija fil-para. 114B li qeghdin f`idejha;

6. tipprovdi dwar is-sitt talba billi tghid illi l-konvenut tilef il-jedd li jiret lill-attrici u l-jedd ghal sehem minn dawk l-akkwisti li saru l-aktar bil-hidma ta` l-attrici; dan is-sehem huwa likwidat fis-somma ta` elfejn lira (Lm2,000) u l-Qorti ghalhekk tikkundanna lill-konvenut irodd lill-attrici s-somma t`elf lira (Lm1,000); u

7. tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez gudizzjarji kollha."

Minn din is-sentenza l-konvenut hass ruhu aggravat u permezz ta` rikors tas-6 ta` Novembru 2001 interpona appell quddiem din il-Qorti ghar-ragunijiet moghtija fl-istess rikors li sejrin jigu ezaminati wiehed wiehed minn din il-Qorti aktar tard f`din is-sentenza. L-Appell gie ampjament ittrattat fis-seduta tat-18 ta` Marzu 2002 u differit ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat,

Illi l-Prim`Awla ma kelliex kompitu facli fl-ghotja ta` din is-sentenza. Il-partijiet, partikolarment l-attrici, ghamlu noti ta` osservazzjonijiet estensivi fejn gew minnhom indikati mhux biss punti ta` fatt, fejn huma ma kienux qablu mar-relazzjoni peritali, izda ukoll punti ta` dritt ta` certu komplessita`. Ir-relazzjoni peritali ta` l-avukat Dr Joseph Micallef Stafrace ukoll kien fiha studju li din il-Qorti, m`ghandiex dubju, impenjat serjament lil ewwel Qorti, partikolarment minn meta hija ma segwietx il-parir moghti fir-rapport peritali. Finalment is-sentenza ta` l-ewwel Qorti minkejja illi bbazata fuq sisien legali fiha ukoll element qawwi ta` gustizzja salamunjana. Kif inghad minn din is-sentenza appella biss il-konvenut li ma qabilx ma uhud mill-konkluzjonijiet li ghalihom waslet l-ewwel Qorti. Din il-Qorti sejra ghalhekk korrettement tillimita dan l-ezami ghall-aggravju tal-konvenut minkejja illi b`mod purament akkademiku xtaqet tidhol ukoll f`punti ohra ta` dritt li minnhom

m`hemmx appell, bhal, per ezempju, id-dritt ta` l-attrici li tibbenifika ukoll mill-akkrexximent tal-valur tad-dar parafernali tal-konvenut in vista tal-benfikati li kienu saru minn fondi tal-komunjoni ta` l-akkwisti, jew, addirittura, minn fondi parafernali taghha. Dan pero` din il-Qorti mhix sejra taghmlu.

Ikkunsidrat,

L-ewwel aggravju tal-konvenut, fil-qosor, li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta akkordat it-tort kollu lilu bhala il-konjugi responsabbli ghat-thassir taz-zwieg. Intrinsikament konness ma dan l-aggravju huwa l-principju li, skond l-appellant, isegwi illi jekk huwa ma kienx unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg allura kellha ukoll tigi revokata dik il-parti tas-sentenza tal-Prim`Istanza fejn giet akkolta s-sitt talba attrici.

Fl-ezami ta` dan l-aggravju din il-Qorti sejra, fl-ewwel lok, tiddikjara illi assolutament ma taqbilx ma l-interpretazzjoni moghtija mill-appellant ghall-artiklu 52 tal-Kodici Civili. Meta l-htija ghas-separazzjoni tkun taz-zewg partijiet il-Qorti ghadha diskrezzjoni, skond l-istess artiklu 52, jekk, skond ic-cirkostanzi, ghandiex tapplika jew le id-dispozizzjonijiet ta`l-artiklu 48 ta` l-istess Kodici Civili. Effettivament il-parti minn dan l-artiklu li gie ikkwotata mill-appellant hija preceduta bil-frazi “jekk id-dizpozizzjonijiet f`dan l-artiklu 48 ghandhom jghoddu, f`kollox jew f`bicca, ghar-ragel u ghal mara, jew ghal wiehed jew ghal ohra biss,

inkella, ….” Din id-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti f`dan l-artiklu in aggunta mad-diskrezzjoni l-ohra moghtija fl-artiklu 51 ta` l-istess kodici huma provvedimenti saggi tal-ligi. Jispetta lill-Qorti, skond ic-cirkostanzi ta` kull kaz, li tasal ghal konkluzjoni li tapplika, tapplika in parti jew ma tapplikax, id-dispozizzjonijiet ta` l-artiklu 48 meta r-raguni ghas-separazzjoni tkun dik imsemmija fl-artiklu 40 ta` l-istess Kodici Civili, anke fejn il-htija tal-firda tkun taz-zewg partijiet.

Fattwalment il-Qorti taqbel, u dan wara li ezaminat il-provi kollha bir-reqqa, illi z-zewg partijiet kienu, min iktar min anqas, responsabbli ghall-falliment ta` dan iz-zwieg. Fil-fehma taghha ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet illi kien unikament il-konvenut li kien responsabbli ghal dan it-tifrik. Mill-banda l-ohra din il-Qorti thoss, kif hass il-perit legali, li l-konvenut/appellant kien principalment responsabbli ghat-thassir taz-zwieg u dan ghax l-ingurji u n-nuqqasijiet tieghu kienu ferm aktar serji minn dawk ta` l-attrici. Din il-konkluzjoni ghandha necessarjament twassal lil Qorti biex tezercita d-diskrezzjoni taghha kif fuq imsemmi fil-konferma tas-sentenza ta` l-ewwel Qorti fir-rigward tas-sitt talba, filwaqt illi l-aggravju huwa akkolt biss fir-rigward ta` l-ewwel talba li jista` biss jaffettwa marginalment il-kap ta` l-ispejjez ta` dan l-appell.

Ikkunsidrat,

It-tieni aggravju ta` l-appellant huwa fil-konfront ta` l-alimenti li huwa gie kkundannat ihallas lil martu l-attrici, minkejja illi ezami ta` dan l-aggravju iwassal, per forza, ukoll ghal ezami ta` min qieghed jabita fid-dar matrimonjali, kif, infatti, gie dibattut dan il-punt sew fir-rikors ta` l-appell sew fit-trattazzjoni orali li saret quddiem din il-Qorti.

Mhuwiex ikkontestat li l-appellant qed jghix fid-dar konjugali ad eskluzjoni ta` martu kif, del resto, mhuwiex ikkontestat li din id-dar hija propjeta` parafernali ta` l-appellant. Legalment pero` u fil-parametri ta` l-artiklu 55A tal-Kodici Civili dan l-istat legali ftit ghandu sinifikat in kwantu ghal min mill-konjugi ghandu d-dritt jghix fid-dar taz-zwieg. Il-fatt, ghalhekk, illi huwa l-appellant li qed jghix fid-dar konjugali ghandu il-konsegwenza tieghu fuq il-materja in ezami. Effettivament l-argumentazzjoni ta` l-appellant kienet tkun wahda valida li kieku l-appellata kienet qed tghix f`dar tal-Komunjoni ta` l-Akkwisti jew anke f`dar parafernali taghha. Il-Qorti pero taqbel illi l-generosita` ta missierha li hallieha tabita` go fond, proprjeta` tieghu, b`mera tolleranza m`ghandu ebda relevanza legali f`dan il-kuntest. Anke li kieku kellha tkompli din it-tolleranza l-appellata hija tenuta li thallas l-ispejjez ordinarji u straordinarji f`din ir-residenza u ghalhekk skond il-prassi kostanti tal-Qrati taghna dawn ic-cirskostanzi ghandhom effett fuq l-alimenti dovuti. F`dan il-kaz partikolari u konsiderat dak li sejjer isegwi, fil-prattika dan l-effett qed jigi konvertit mill-Qorti f`somma ta` hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar.

Is-Sekond`Awla tal-Qorti Civili kienet akkordat is-somma ta` Lm75 fix-xahar lill-attrici bhala manteniment ghaliha (minkejja illi aktar minn ghaxar snin ilu fil-21 ta` Dicembru 1989), filwaqt illi l-perit legali, forsi influwenzat bit-tibdil fil-ligi in materja ta` l-Att XXI ta` l-1993, akkorda lill-attrici biss l-ammont ta` Lm100 fix-xahar. Il-Qorti taqbel ma dan ir-ragunament. L-attrici hija persuna li hija kapaci tahdem u dan mhux biss fis-sengha ta` 'flower arrangements' li tista` ukoll tkompli taghmlu fuq bazi 'part-time'. Hija hadmet tul diversi snin waqt il-hajja mizzewga anke barra minn Malta u ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, m`ghandux ikun difficli ghaliha ssib xoghol li jirrendi apparti l-part-time fuq imsemmi. Il-Qorti forsi taqbel li l-introjtu tal-konvenut jissupera t-tlett mitt lira Maltin (Lm300) fix-xahar kif inhu ddikjarat. Ta` dan pero` ma ngabet l-ebda prova konkreta filwaqt illi l-provi jindikaw illi l-appellant qatt ma kellu mpjiegi ta` kwalita` li setghu jwassluh biex jaqla hafna aktar minn dak minnu ddikjarat. Il-fatt li (kif tissottometti l-appellata) irnexxielu jgemma elf lira Maltin (Lm1000) f`sena u cioe` xi haga iktar `l fuq minn tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar mhix daqstant difficli fiz-zmien meta ma kienx jaghti alimenti lil martu u kien ta` spiss, kif iddikjarat minnha stess, ihalliha nieqsa mill-flus.

Fic-cirkostanzi kollha fuq spjegati ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-alimenti akkordati mil-Prim`Awla ta` Lm250 fix-xahar kien ammont eccessiv u ghandu jigi ridott ghall-Lm150 fix-xahar <u>mid-data ta` din is-</u>

sentenza (u cioe` mill-1 ta` Gunju 2002) u dan bl-istess modalitajiet kif deciz mill-Prim`Awla fil-provvediment dwar it-tielet talba attrici.

Ikkunsidrat,

Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant jilmenta dwar il-mod ta` kif l-ewwel Qorti illikwidat is-somma ta` Lm5623.33c favur l-appellata bhala sehma mill-Komunjoni ta` l-Akkwisti. Fir-realta din il-Qorti verament thoss li m`ghandiex tiddisturba l-kalkoli maghmula mill-ewwel Qorti li bbazat ruhha fuq il-kalkoli maghmula sew mill-istess appellata fin-nota ta` l-osservazzjonijiet minnha pprezentata sew fuq il-kalkoli maghmula mill-perit legali. F`dan ir-rigward pero` il-Qorti tosserva ukoll illi filwaqt li l-attrici qatt ma innegat li hija hadet Lm5000 mid-dar konjugali, kuntrarjament ghal zewgha, issostni li dawn il-flus kienu gew imgemma minnu minn introjti tal-Komunjoni. Skond ix-xiehda ta` missier l-attrici, li din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m`ghandhiex tigi emmnuta, huwa kien offra li jirrifondi lil konvenut elfejn lira Maltin (Lm2000) minn din is-somma. Il-konvenut kien accetta din is-somma li fil-fatt giet rifuza u kien iddikjara li kien jikkuntenta biha ghas-saldu. Dawn il-fatti huma raguni ulterjuri ghac-cahda ta` dan l-aggravju.

Ghal motivi kollha fuq imsemmija l-appell huwa, fil-maggior parti, michud, u in parti milqugh, u b`hekk s-sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta` Ottubru 2001 qed tigi varjata billi din l-Qorti qieghda

tiddikjara li, in konnessjoni ma` l-ewwel talba ta` l-attrici, z-zwieg tal-partijiet tkisser bi htija tat-tnejn, izda principalment bi htija tal-konvenut minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kontra l-attrici. Ghal kwantu li l-manteniment akkordat mill-ewwel Qorti taht it-tielet talba dan qed jigi ridott ghal Lm150 fix-xahar pagabbli u revidibbli taht l-istess modalitajiet kif indikat fl-istess sentenza. Ghall-kumplament, is-sentenza appellata qieghda tigi kkonfermata.

L-ispejjez tal-Prim`Istanza jithallsu kif minnha deciz. Dawk ta` l-Appell jithallsu in kwantu ghal erbgha minn hamsa (4/5) mill-appellant u wiehed minn hamsa (1/5) mill-appellata.

Dep/Reg.

gs